MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-26 ta' Frar, 2018

Rikors Maħluf Numru 961/14LM

**Elmo Insurance Limited (C3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Mark Muscat u l-istess Mark Muscat (K.I. 305277M)**

***vs.***

**Sharon Gatt (K.I. 463871M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-3 ta' Novembru, 2014 mis-soċjetà attriċi **Elmo Insurance Limited** kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Mark Muscat (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi") u tal-istess attur **Mark Muscat** (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħlufa mill-avukat Dottor Alessia Zammit McKeon debitament awtorizzata sabiex tidher fuq dan l-att in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi, li jgħid kif ġej:

1. *Illi fl-10 ta' Jannar, 2014, għal ħabta fit-tmienja ta' filgħodu (8.00am), waqt li Lilian Muscat kienet qed issuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni MAR-402, proprjetà tal-esponent Mark Muscat, fi Triq it-Tiġrija, ir-Rabat, Malta, hija sfat*

*milquta mill-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JAZ-382, li kienet misjuqa mill-intimata Sharon Gatt (Dok. A*[1]*);*

2. *Illi l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni MAR-402 kienet assikurata mill-imsemmija soċjetà esponenti Elmo Insurance Limited skont polza ta' assigurazzjoni fully comprehensive. Għalhekk, l-istess soċjetà esponenti Elmo Insurance Limited, a tenur tal-imsemmija polza ta' assigurazzjoni maħruġa fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni MAR-402, kif kienet obbligata tagħmel, indennizat lill-istess assikurat tagħha fis-somma ta' erbatax-il elf u tnax-il Euro, sitta u erbgħin ċenteżmu (€14,012.46) u għaldaqstant l-istess soċjetà esponenti Elmo Insurance Limited ġiet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha;*

3. *Illi min-naħa tiegħu, l-esponent Mark Muscat de proprio ġarrab danni fl-ammont ta' mija u għoxrin Euro (€125);*

4. *Illi għaldaqstant, konsegwentement għal dan l-inċident, l-esponenti ġarrbu danni fl-ammont komplessiv ta' erbatax-il elf, mija sebgħa u tletin Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€14,137.46);*

5. *Illi għal dan l-inċident u konsegwenzjali danni kienet taħti unikament l-intimata Sharon Gatt minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti bi ksur tal-artikoli 1031 u 1032(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. *Illi minkejja li l-intimata kif ukoll l-assigurazzjoni tagħha Argus Insurance Agencies Limited bħala aġenti tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited kienu interpellati sabiex jagħmlu tajjeb għad-danni tal-esponenti permezz ta' ittra uffiċjali debitament notifikata fis-27 ta' Settembru, 2014, huma baqgħu inadempjenti;*

*Għalhekk kellha ssir din il-kawża fejn l-esponenti qed jitolbu li din l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet kollha premessi:*

1. *Tiddikjara lill-intimata Sharon Gatt unikament responsabbli għall-inċident fuq deskritt u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrbu l-esponenti;*

[1] Ir-rapport tal-Pulizija, *a fol.* 4 sa 16, bl-iskittz *a fol.* 16.

2. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-esponenti fl-ammont komplessiva ta' erbatx-il elf, mija sebgħa u tletin Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€14,137.46), in kwantu għal erbatax-il elf u tnax-il Euro, sitta u erbgħin ċenteżmu (€14,012.46) lis-soċjetà esponenti Elmo Insurance Limited u inkwantu għal mija ħamsa u għoxrin Euro (€125) lill-esponent Mark Muscat, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundanna lill-intimata Sharon Gatt tħallas lill-esponenti s-somma komplessiva ta' erbatax-il elf, mija sebgħa u tletin Euro u sitta u erbgħin (€14,137.46), in kwantu għal erbatax-il elf u tnax-il Euro, sitta u erbgħin ċenteżmu (€14,012.46) lis-soċjetà esponenti Elmo Insurance Limited u inkwantu għal mija ħamsa u għoxrin Euro (€125) lill-esponent Mark Muscat, hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali fuq riferita, debitament notifikata fis-27 ta' Settembru, 2014 u dawk tal-ittra uffiċjali presentata llum kontestwalment ma' dan l-att għan-notifika tal-assikurazzjoni tal-intimata skont il-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u bl-imgħax legali b'effett mis-27 ta' Settembru, 2014 kontra l-istess intimata, li hija inġunta għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuta **Sharon Gatt** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta"), li ġiet ippreżentata fil-5 ta' Jannar, 2015, li biha eċċepiet:

1. *Illi l-kawża fl-ismijiet premessi tirrigwarda inċident awtomobilistiku illi seħħ l-10 ta' Jannar, 2014 ġewwa Triq it-Tiġrija, Rabat, Malta, u illi kien jinvolvi l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JAZ-382 misjuqa mill-eċċipjenti, u l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni MAR-402 proprjetà tal-attur Mark Muscat u assigurata mis-soċjetà attriċi Elmo Insurance Limited.*

2. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-Dritt u dan stante illi assolutament mhux minnu illi l-eċċipjenti kienet b'xi mod taħti għall-inċident de quo, u dan kif jista' jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

3. *Illi inoltre, mingħajr preġudizzju għall-fuq premess, l-atturi għandhom iġibu l-aħjar prova tad-danni effettivi u attwali minnhom allegati u reklamati.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-Liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Ottubru, 2017, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Fl-10 ta' Jannar, 2014 fi Triq it-Tiġrija, ir-Rabat, Malta seħħ inċident stradali bejn il-vettura misjuqa minn mart l-attur u reġistrata fuq l-attur, numru tar-reġistrazzjoni MAR-402 u l-vettura misjuqa mill-konvenuta, reġistrata fuq żewġha, numru tar-reġistrazzjoni JAZ-382. Mart l-attur kellha lil binha ta' 4 snin magħha fil-vettura meta seħħ l-inċident. L-atturi jsostnu li l-konvenuta kienet unikament responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża minħabba imperizja, imprudenza, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku. L-attur qiegħed jitlob lill-konvenuta l-ħlas tal-*excess* li kellu jħallas ta' €125 u s-soċjetà attriċi li ġiet surrogata fid-drittijiet tal-attur qiegħda titlob lill-konvenuta tħallasha s-somma ta' €14,012.46 li hija kienet obbligata tħallas lill-attur taħt polza tal-assigurazzjoni *fully comprehensive* fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni MAR-402.  L-atturi jikkontendu li l-konvenuta baqgħet dieħla fil-vettura tal-attur hekk kif kienet ġejja min-naħa opposta tat-

triq f'liwja b'veloċità eċċessiva. Min-naħa tagħha l-konvenuta, li dakinhar tal-inċident kellha magħha fil-vettura bħala passiġġier lil binha ta' 9 snin, tgħid illi assolutament mhuwiex minnu illi hi kienet taħti għall-imsemmi inċident, tant li kienet qed issuq b'mhux aktar minn 40 kilometru fis-siegħa u meta rat il-vettura l-oħra ġejja mid-direzzjoni opposta mir-Rabat fil-liwja, hi ppruvat tibbrejkja iżda l-vettura l-oħra baqgħet dieħla fiha bl-istess veloċità li kienet ġejja biha. Għad illi fin-nota tal-eċċezzjonijiet tagħha l-konvenuta talbet illi ssir l-aħjar prova tad-danni allegati, fl-udjenza tas-6 ta' Frar, 2017[2], il-konvenuta ddikjarat li ma kinitx qiegħda tikkontesta l-*quantum* tad-danni pretiżi mill-atturi. Għalhekk tibqa' biss il-kwistjoni dwar ir-responsabbilità għall-inċident.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Is-sewwieqa tal-vettura reġistrata f'isem l-attur, martu **Lilian Muscat**, li kienet involuta fl-inċident inkwistjoni, xehdet permezz ta' affidavit[3] li l-vettura li kienet qed isuq bir-reġistrazzjoni MAR-402 kienet Jeep Compass u bħala passiġġier kellha magħha lil binha Zane li dak iż-żmien kellu 4 snin. Ix-xhud tgħid illi kienet tuża Triq it-Tiġrija kważi kuljum biex twassal lit-tifel tagħha l-*kindergarten.* Spjegat li din it-triq fiha ħafna liwjiet u għalkemm b'żewġ karreġġjati kontra xulxin hemm partijiet minnha fejn żewġ karozzi jgħaddu bl-eżatt. Ix-xhud tgħid li kienet qiegħda ssuq fil-karreġġjata tagħha, iżżomm xi pied min-naħa tax-xellug tagħha. Ix-xhud tgħid li minħabba li jkollha magħha lit-tifel, hija kienet issuq dejjem bil-mod u dakinhar tal-inċident peress li l-art kienet bin-nida, hija kienet qed issuq b'veloċità aktar baxxa, b'madwar 20 jew

[2] *A fol.* 153.
[3] *A fol.* 105 sa 107.

25 k.p.h. Hija kienet ġejja mid-direzzjoni tas-Saqqajja għad-direzzjoni tas-Siġġiewi u kif wasslet f'liwja lejn il-lemin rat il-vettura tal-konvenuta ġejja għal fuqha mid-direzzjoni opposta. Lemħitha f'distanza ta' madwar 3 vetturi 'l bogħod u skont l-attriċi din kienet qed issuq b'veloċità eċċessiva kemm għat-triq li kienet u kemm minħabba n-nida li kien hemm. Lilian Muscat tgħid li parti mill-ġenb tal-vettura l-oħra kienet fuq in-naħa ħażina tat-triq minkejja li dik il-parti t-triq kienet faċilment tieħu żewġ vetturi u tgħid li hija ma setgħet tagħmel xejn biex tevita l-vettura tal-konvenuta għax hija kienet diġà qrib ħafna x-xellug tat-triq.

Lilian Muscat tgħid li l-vettura l-oħra ħabtet fir-rota tagħha ta' quddiem tal-lemin bil-kantuniera tan-naħa tax-xellug tal-vettura tagħha. Ix-xhud tgħid li bid-daqqa l-vettura l-oħra tefgħatha lura u spiċċat imdawra lejn il-lemin b'parti mill-vettura tagħha fl-għalqa ma' ġenb il-karreġġjata tagħha u l-vettura tal-konvenuta spiċċat qabżitha u daħlet fil-karreġġjata tagħha b'parti minn quddiem ukoll fl-għalqa ma' ġenb il-karreġġjata tax-xhud u f'dan ir-rigward hija tagħmel riferiment għall-iskizz tal-Pulizija.[4] Ix-xhud tgħid illi mad-daqqa nqalgħet ir-rota tagħha u partijiet oħrajn minn taħt il-vettura u dawn spiċċaw ħdejn il-vettura tagħha[5] u f'dan ir-rigward tagħmel riferiment għar-ritratti[6] li ttieħdu minn ċertu Martin Camilleri li joħdilha ħsieb l-assigurazzjoni tagħha, li ttieħdu qabel ma ċaqalqu l-vetturi wara l-impatt.

Lilian Muscat tgħid li meta l-konvenuta ħarġet mill-vettura tagħha wara l-inċident, din skużat ruħha għax qalet li kienet skiddjat. Ix-xhud tgħid li nnotat l-i*skid marks* tal-vettura tal-konvenuta min-nofs it-triq b'angolatura lejn il-lemin

[4] *A fol.* 16, anness mar-Rikors Maħluf.
[5] In kontroeżami tispjega li r-rota li nqalgħet kienet tal-vettura tal-konvenuta u din ir-rota spiċċat ħdejn il-vettura tax-xhud.
[6] *A fol.* 24 sa 28.

u li jispiċċaw kompletament fil-karreġġjata tax-xhud. Ix-xhud tikkonferma dak li kienet qalet dakinhar tal-inċident lill-Pulizija[7]:

> "Kont qed indur mal-liwja direzzjoni lejn Siġġiewi u hekk kif qed nsuq sibt il-vettura l-oħra ġejja għal fuqi".

Ix-xhud tinnega kategorikament li kienet hi li daħlet fil-karreġġjata tal-konvenuta b'riferiment għal dak li ġie ddikjarat mill-konvenuta fir-rapport tal-Pulizija li rat lill-vettura l-oħra ġejja għal fuqha. In kontroeżami[8] rinfaċċjata b'dak li qalet fl-affidavit tagħha dwar fejn kienu d-daqqiet fil-vettura tal-konvenuta, Lillian Muscat tikkonferma li l-ħsarat kemm tagħha u kemm tal-konvenuta kienu fuq in-naħa tal-lemin tal-vetturi. Tispjega wkoll li hi kienet qed isuq bil-mod, b'veloċità ta' 20 jew 25 k.p.h., xi pied 'il bogħod mill-ħajt tas-sejjieħ tan-naħa tagħha u meta qabdet il-liwja reġgħet naqset l-veloċità billi għafset il-*brake*. Ix-xhud tenniet li fil-parti tat-triq fejn ġara l-inċident jgħaddu żewġ karozzi, iżda mhux ixxamplati. Ix-xhud tikkonferma li l-vettura tagħha għandha s-sistema tal-ABS.[9]

Fix-xhieda tagħha **WPS 145 Graziella Camilleri** tgħid[10] li l-post fejn seħħ l-inċident it-triq hija pjuttost imwarrba bejn l-għelieqi u inżerta naqra fil-liwja u għalkemm jgħaddu żewġ karozzi, normalment f'din il-parti tat-triq jekk tara karozza ġejja ċċedilha. Ix-xhud tgħid li l-art kienet imxarrba bix-xita ta' billejl jew bin-nida. Ix-xhud għamlet riferiment għall-*brakemark* li ħalliet il-vettura tal-konvenuta, kif impinġi fl-iskizz *a fol.* 98 tal-proċess. Dan il-*brakemark* kien ta' madwar tnax-il metru tul, ixaqleb bħala direzzjoni għan-naħa tal-

[7] Ir-rapport tal-Pulizija, *a fol.* 92.
[8] *A fol.* 160 u 161.
[9] *Anti-lock braking system* magħruf ukoll bħala *anti-skid braking system.*
[10] *A fol.* 86 sa 89.

karreġġjata l-oħra u jibqa' sejjer san-naħa tal-karreġġjata ta' mart l-attur. Ix-xhud tgħid li kienet ċerta li dan il-*brakemark* kien tar-rota tal-vettura tal-konvenuta għax kien eżatt tal-istess wisgħa u jieqaf fejn spiċċat l-vettura tal-konvenuta *wrong side,* in parti fl-għalqa fuq in-naħa l-oħra. B'riferiment għar-ritratt li jinsab *a fol.* 27 tal-proċess ix-xhud tgħid li dan juri sew l-*brakemark* tar-rota tax-xellug tal-vettura tal-konvenuta li jibda fil-karreġġjata tagħha, xi tliet piedi 'l barra mill-ġenb ta' ġewwa tal-karreġġjata tagħha u b'direzzjoni lejn ix-xellug, jiġifieri għall-karreġġjata l-oħra u jispiċċa kompletament fuq il-karreġġjata l-oħra fil-lemin tagħha. Skont ix-xhud id-daqqa kienet qawwija u kien hemm partijiet tal-vetturi imxerrdin fit-triq, però hija ma mmarkathomx fl-iskizz.

Xehed ukoll PS 57 **Matthew Buhagiar** li kien assista fl-investigazzjoni tal-inċident, li kkonferma[11] dak li qalet fix-xhieda ta' Graziella Camilleri dwar il-*brakemarks* tal-vettura tal-konvenuta li kienu evidenti għalkemm l-art kienet imxarrba. Ix-xhud jikkonferma li l-*brakemarks* kienu angolati lejn il-karreġġjata l-oħra u qal ukoll li bilfors kienu tal-konvenuta għax il-*brakemark* intemm eżatt fejn waqfet il-vettura tal-konvenuta. It-tul tal-marka kien ta' 12.2 metri, fuq l-iskizz 12cm. Ix-xhud ikkonferma wkoll li dik il-parti tat-triq fejn ġara l-inċident hi dejqa, kemm jgħaddu żewġ karozzi.

L-atturi ppreżentaw ukoll kopja legali tal-ittra uffiċjali datata 24.09.2014 debitament notifikata lill-konvenuta[12] u kopja legali tal-ittra uffiċjali datata 03.11.14 debitament notifikata lill-assigurazzjoni tal-vettura li kienet qed issuq il-konventa[13], ċjoè Argus Insurance Agency Limited bħala aġent tas-soċjetà

[11] *A fol.* 99 sa 101.
[12] Ara *fol.* 57 sa 59.
[13] Ara *fol.* 60 sa 62.

estera Argus Insurance Company (Europe) Limited għall-fini tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-konvenuta **Sharon Gatt** xehdet permezz ta' affidavit fejn qalet[14] li dakinhar tal-inċident tal-10 ta' Jannar 2014, l-art kienet imxarrba minħabba x-xita jew in-nida u hija kienet qed issuq il-vettura ta' żewġha Peugeot 106, bin-numru ta' reġistrazzjoni JAZ-382 u magħha kellha lil binha ta' 9 snin bħala passiġġier fuq wara. Il-konvenuta tgħid li hija kienet ġejja mid-direzzjoni tas-Siġġiewi sejra lejn ir-Rabat. Il-konvenuta tgħid li fejn seħħ l-inċident it-triq hija dejqa però jgħaddu żewġ vetturi kontra xulxin, basta jżommu sew fuq in-naħa tagħhom. Sharon Gatt tgħid li hi ma kinitx qed issuq aktar minn 40 k.p.h. għax taf it-triq sewwa u taf li fiha diversi liwjiet, l-art kienet imxarrba u kellha t-tifel magħha. Il-konvenuta tgħid li fil-liwja intebħet bil-karozza l-oħra meta kienet xi distanza ta' żewġ karozzi 'l bogħod u din kienet għaddejja min-nofs tat-triq. Il-konvenuta tgħid li hija għafset il-*brake,* però l-vettura l-oħra ma naqsitx l-i*speed* u qalet li kieku l-vettura l-oħra kienet ukoll fuq in-naħa tagħha, kieku ż-żewġ vetturi kienu jgħaddu. Minħabba kif kienet l-vettura l-oħra fin-nofs tat-triq, hi ppanikjat. Il-konvenuta tispjega li peress li l-vettura l-oħra kellha s-sistema tal-ABS, kien għalhekk li din ma ħallietx *brakemarks,* mentri tagħha ħalliet *brakemarks*. Il-konvenuta tgħid li minħabba li bid-daqqa li tatha l-vettura l-oħra nqalgħet ir-rota tagħha ta' quddiem tal-lemin, hija tilfet il-kontroll tal-vettura tagħha mal-ħabta. Il-konvenuta tikkonferma dak li kienet ddikjarat lill-Pulizija fil-jum tal-inċident:

> "Kont insuq direzzjoni lejn ir-Rabat, man-naħa tiegħi kont qed insuq u rajtha ġejja għal fuqi."[15]

[14] *A fol.* 146 u 14.
[15] *A fol.* 92.

In kontroeżami l-konvenuta spjegat[16] li llum għandha vettura bis-sistema ABS u skont l-*mechanic* tagħha u r-raġel tagħha, inġinier mal-GO, dawn it-tip ta' vetturi ma jħallux *brakemarks.* Il-konvenuta tgħid li l-vettura tagħha spiċċat fil-karreġġjata l-oħra, però tinsisti li dan seħħ għax tilfet il-kontroll tal-vettura tagħha wara l-ħabta. Il-konvenuta b'riferiment għal dak li jidher fir-ritratt *a fol.* 27 għar-rigward fejn spiċċaw il-partijiet miksurin tal-vettura tagħha, hija tinsisti li fir-ritratt dawn jidhru mhux fuq il-karreġġjata tal-vettura l-oħra iżda f'nofs it-triq.[17] Sharon Gatt tgħid li meta lemħet il-vettura l-oħra, hija għafset il-*brake* biss u ma għamlet xejn aktar. Il-konvenuta kkonfermat ukoll il-pożizzjoni tal-vetturi murija fl-iskizz tal-Pulizija, però baqgħet tinsisti li hi spiċċat fil-karreġġjata l-oħra minħabba li nqalgħet ir-rota u tilfet il-kontroll.

Illi kwantu għall-*quantum* ta' danni sofferti mill-atturi xehdu **George Stagno Navarro**, rappreżentant tas-soċjetà attriċi u **Mario Zahra** li kien ħa ħsieb t-tiswijiet tal-vettura tal-attur, u ppreżentaw l-irċevuti tat-tiswijiet u l-*parts,* inkluż l-irċevuta għall-ammont ta' *excess* li ħallas minn butu l-attur. Tqis imma li l-konvenuta mhijiex qiegħda tikkontesta l-*quantum* tad-danni pretiżi mill-atturi fis-somma totali ta' €14,012.46, u ċjoè €125 bħala *excess* li ħallas l-attur u l-kumplament li tħallsu mis-soċjetà attriċi li ġiet surrogata fid-drittijiet tal-attur.

[16] *A fol.* 171 sa 173.
[17] Mir-ritratt però jirriżulta li l-fdalijiet kienu jinsabu kemm f'nofs it-triq u anki fil-karreġġjata l-oħra.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Dan hu każ tipiku fejn il-ġudikant ikun rinfaċċjat b'żewġ verżjonijiet dijamettrikament opposti għal xulxin. Mart l-attur, is-sewwieqa tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni MAR-402 tgħid li kienet qed issuq b'veloċità ta' bejn 20 u 25 k.p.h. u naqset l-i*speed* meta kienet qed iddur il-liwja fi Triq it-Tiġrija, ir-Rabat, Malta u li kienet fil-karreġġjata tagħha pied biss 'il bogħod mill-ħajt tas-sejjieħ fuq ix-xellug tagħha u li l-konvenuta kienet ġejja bi *speed* qawwi u baqgħet dieħla fil-karreġġjata tagħha u laqtitha. Min-naħa tagħha l-konvenuta tgħid li kif kienet qed iddur il-liwja fil-karreġġjata tagħha, hija sabet lill-vettura l-oħra f'nofs it-triq, parti minnha fil-karreġġjata tagħha, u għalkemm għafset il-*brake,* il-vettura l-oħra daħlet fiha. Iż-żewġ sewwieqa jaqblu biss li dakinhar t-triq kienet imxarrba u li fejn ġara l-inċident, għalkemm pjuttost dejqa għal żewġ karreġġjati, kieku ż-żewġ sewwieqa żammew fuq il-karreġġjata tagħhom, kieku l-inċident seta' jiġi evitat.

Mhux l-ewwel darba li Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet opposti għal xulxin. Anzi, meta każ ikun kontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li huwa proprju dan li jiġri, ċjoè li jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti. Fil-każ inkwistjoni kienu biss iż-żewġ sewwieqa li kienu preżenti għall-inċident, apparti it-tfal żgħar tagħhom, u għalhekk il-Qorti bilfors trid tirrikorri għal indizji oħra, bħal konsistenza fix-xhieda, verosimiljanza għar-realtà, indizzji korroborattivi u anki preponderanza tal-probabbiltajiet u possibbilitajiet li jistgħu jnisslu ċertezza morali fil-ġudikant. Meta jkun hemm kuntrast bejn ix-xhieda tal-partijiet, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-

ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi svarjati tal-ħajja.[18] Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet.[19]

Tqis illi fl-aħħar mill-aħħar il-vertenza odjerna tħoll u torbot fuq il-kredibilità tax-xhieda tal-partijiet. Mill-apprezzament tal-provi li tagħmel il-Qorti tal-provi li ġew prodotti mill-partijiet, tasal għall-konvinċiment morali li l-kawża determinanti tal-inċident *de quo* kienet il-veloċità eċċessiva li konvenuta kienet qed issuq biha l-vettura tagħha f'liwja meta t-triq kienet imxarrba u li ċertament tagħti lok għall-iskiddjar. Fix-xhieda tagħha mart l-attur baqgħet tinsisti li hi kienet qed issuq b'20 u 25 k.p.h. u li għafset il-*brake* bil-mod biex iddur il-liwja. Mill-banda l-oħra l-konvenuta *ex admissis* fl-affidavit tagħha qalet li kienet qiegħda ssuq mhux aktar minn 40 k.p.h. u għafset il-*brake* f'salt meta lemħet il-vettura l-oħra tul ta' żewġ karozzi biss 'il bogħod minnha.

Indizju importanti huma l-*brakemarks* fuq il-post tal-inċident. Il-PS Matthew Buhagiar xehed li fuq il-post kien hemm evidenti *brakemarks* ta' 12.2 metri fil-liwja minkejja li l-triq kienet imxarrba. Huwa stabbilit li meta persuna tkun qed issuq fuq l-asfalt bi 30 mil fis-siegħa, il-vettura tħalli *brakemarks* ta' 40 pied.[20] Abbażi ta' dan il-kalkolu, tenut kont tal-*brakemarks* li ħalliet fit-triq, il-vettura tal-konvenuta fil-liwja qabel il-ħabta, kienet qiegħda tinstaq b'mill-anqas 46 k.p.h. għad li dan il-kalkolu tal-veloċità jkun pjuttost inqas meta l-art

[18] **Borg *vs.* Bartolo**, App. Inf., 25.06.1980.
[19] *Vide* wkoll **Caruana *vs.* Laurenti,** P.A., 08.04.1994, **Borg *vs. Manager* tal-Intrapriża tal-Ħalib,** P.A., 17.07.1981, **Vassallo *vs.* Pace (**Vol.LXX.II.144) u **Zammit *vs.* Petrococchino,** App. Kum., 25.02.1952.
[20] Q. Maġ., **Il-Pulizija *vs.* Carmel Dimech***,* 21.04.2006.

tkun imxarrba. Però hemm ukoll il-fattur tat-telf tal-veloċità kkawżat bl-impatt innifsu mal-vettura l-oħra li saħansitra mbuttatha lura.

Il-konvenuta tipprova tiġġustifika li hi kellha *brakemarks* waqt li s-sewwieqa l-oħra ma kellhiex *brakemarks* għax il-karozza tagħha ma kellhiex ABS bħalma kellha l-vettura l-oħra, u tinsisti li l-vettura l-oħra kienet ġejja b'veloċità qawwija apparti li kienet fin-nofs tat-triq. Imma fil-fehma konsiderata tal-Qorti dan ma jreġġix għax bis-sistema tal-ABS filwaqt li l-vettura tkun aktar sigura f'każ ta' emerġenza, iżda mhux minnu li din ma tħallix *brakemarks.* Dwar is-sistema tal-ABS jingħad:

> *"ANTI-LOCK BRAKING SYSTEMS:*
>
> *Although the concept has been around for many years, Anti-Lock Braking Systems have only been used successfully in domestic automobiles since 1985. The concept of Anti-Lock braking is such that during brake line pressure, each wheel continues to turn, thus achieving maximum braking force. This allows for improved control during heavy braking. The benefits of Anti-Lock Braking Systems (ABS) are:* (omissis)
>
> *The benefits of ABS braking are most notable during panic braking, braking on slippery surfaces, braking during a turn and directional control needed during braking.*
>
> *Cars equipped with ABS can and often do leave perceptible measurable tire marks in emergency situations. This is not commonly known, since lockup is generally avoided or limited to only a split second."*[21]

Il-konvenuta ppruvat tagħti l-impressjoni li hija tilfet il-kontroll tal-vettura wara l-ħabta u ċjoè wara li nqalgħet ir-rota ta' quddiem tal-vettura tagħha.

[21] Ara http://www.waltersforensic.com/articles/accident_reconstruction/vol1-no4.htm. Ara ukoll is-sentenza fl-ismijiet **Jesmond-Paul Borg *vs.* Duncan Sultana**, App. Inf., 08.06.2005.

Madankollu fir-ritratt *a fol* 27 tal-proċess, l-marki li jidhru fl-iskizz tal-Pulizija jikkorrispondu mar-rota tax-xellug tal-vettura tal-konvenuta, li jidher li diġà kienet ħadet id-direzzjoni lejn il-lemin hekk kif għafset il-*brakes* qabel l-impatt innifsu, fejn jidher li bdew il-*brakemarks.* Ladarba l-*brakemark* kienet tar-rota tax-xellug, tenut kont ukoll ta' minn fejn tibda l-istess marka, dan ifisser li l-vettura tal-konvenuta kellha l-ġenb tal-lemin tagħha barra mill-karreġġjata tagħha qabel l-impatt. Illi probabbilment dak li ġara kien li konvenuta sabet ruħha fl-impossibbiltà li tieqaf jew saħansitra sskidjat fit-tidwira.

Illi għandu jiġi rilevat qabelxejn illi kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Marthese Vella *pro et noe vs.* Carl Mario *sive* Karl Micallef *et***[22] *skid marks* waħedhom la jfissru ħtija u lanqas in-nuqqas tagħha:

> "Din il-Qorti ma ssibx li Micallef għandu xi difiża meritevoli għal dak li seħħ. Hu fatt illi t-triq li kien isuq fiha kienet kollha nida, fattur li minnu nnifsu jitfa' fuq is-sewwieq kura akbar minn normal fil-kontroll tal-vettura tiegħu. Micallef kien qed jersaq lejn kisra fit-triq, li jidher li kienet pjuttost qawwija. Kif qed jikser hu jixhed li skiddja. Hu jixhed ukoll li l-i*speed* tiegħu kien baxx ħafna u beda jżidu hekk kif kiser billi t-triq hi għat-telgħa. Rigward l-ispeed din ix-xhieda hi kontradetta mill-fehma esperta tal-espert tat-traffiku li jqabbel l-ħsara qawwija fil-binja li daħal fiha Micallef ma' *speed* elevat.
>
> *Skidding* per se mhix indikazzjoni ta' responsabbilità. Hu assodat fil-ġurisprudenza tagħna illi *skid* huwa fattur newtrali u la jfisser ħtija u lanqas in-nuqqas tiegħu (ara **George Spiteri *vs*. Paul Cassar *et***, PA 30.06.1993). Ġie ritenut ukoll illi "*skid* weħidha mhijiex la prova ta' negliġenza u lanqas diskriminanti. Trid issir indaġini jekk kienx hemm negliġenza antiċedenti jew konkomitanti. Jekk din tirriżulta, allura hemm responsabbiltà nonostante l-i*skid*" (**Pulizija *vs.* Alfred Attard**, Vol. XLVII.IV.1195).

[22] P.A., 27.03.2014.

> Bingham, fit-test '*Motor Claims Cases*', paġna 122 igħid "*A defence of skidding is sometimes raised in answer to a prima facie case of negligence but the modern tendency is to regard a skid as placing a heavy onus of proof on the defendant".*
>
> Jinsab ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-kawża **Giuseppe Borg *noe vs.* Algernon Crockford *noe,*** deċiża fit-18 ta' April, 1952, illi "l-i*skid* bħala tali ma jeskludiex ir-responsbilitajiet u għalhekk għandu jiġi eżaminat jekk l-istess 'skid', f'kull każ in partikolari, kienx dovut għall-ħtija ta' xi ħadd, kif ukoll jekk setax jiġi evitat jew korrett; għax l-'i*skid*' jista' jkun ukoll provokat mill-mod kif wieħed isuq, billi d-*driver* ma jkunx ħa l-prekawzjonijet neċessarji li ċ-ċirkustanzi eċċezzjonali li jkun jinsab fihom ikunu jirrekjedu. L-'i*skid*' huwa ċirkustanza newtra, għax jista' jkun l-effett ta' negliġenza preċedenti, jew negliġenza ta' '*third party*', jew dovut għall-aċċident inevitabbli".

Imma fil-każ tal-inċident *de quo*, il-Qorti tinsab konvinta l-marki tal-*brakes* jew tal-i*skid* jevidenzjaw l-i*speed* eċċessiv li kienet qed iddur bih il-liwja l-konvenuta tenut kont li l-art kienet imxarrba u bħala sewwieqa kellha tkun taf li dan jirrendi t-triq tiżloq aktar.

Il-paragrafu 278 tal-*Highway Code* jgħid illli:

> "278. Qatt m'għandek issuq b'ċerta veloċità hekk li ma jkollokx ħin biżżejjed biex twaqqaf sa tul id-distanza ħielsa li tista' tara quddiemek. Ftakar li l-viżibilità tiegħek tonqos fil-kantunieri u fuq il-quċċata ta' għoljiet u li d-distanza li fiha tieqaf hija itwal għan-niżla jew meta t-triq tkun imxarrba jew tiżloq.[23]

Illi m'hemmx dubju li l-obbligu ta' kull sewwieq huwa li jżomm "*a proper lookout*." Tant hu hekk fis-sentenza fl-ismijiet **Dr Louis Bianchi *noe vs.* Michelle Cassar**[24], ingħad li:

[23] Ara ukoll **Stefan Agius *vs.* Keith Grech**, P.A., 30.03.2007.
[24] P.A., 06.11.1998.

> "tnejn huma l-prinċipji ġeneralment akkolti fid-duttrina u fil-ġurisprudenza estera u lokali, in materja ta' inċidenti ta' traffiku stradali, li għandhom jirregolaw l-investimenti ta' vetturi, jiġifieri...*omissis*...b) hu anke dmir ta' sewwieq li jżomm dak li komunikament tissejjaħ "*a reasonable lookout*" liema dmir iġib miegħu li s-sewwieq jara dak li jkun raġonevolment viżibbli."

Illi l-liwja tat-triq flimkien mal-veloċità eċċessiva tal-konvenuta, aktar u aktar meta dakinhar tal-inċident it-triq kienet imxarrba, kienu fatturi li ċertament jixħtu responsibbilità fuq l-konvenuta. Iżda għandu jiġi eżaminat ukoll jekk kinitx biss l-konvenuta li taħti għall-inċident jew kienx hemm xi fatturi kontributorji da parti tas-sewwieqa l-oħra. Irid jiġi stabbilit jekk effettivament kienx hemm ukoll fuq s-sewwieqa l-oħra xi *self-inflicted incapacity.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Raymond Pace *et vs.* Antoine Bartolo *et***[25] jingħad li:

> "Il-fatt li sewwieq ikun qed isuq karozza b'veloċità eċċedenti li *speed* massimu regolamentari, jekk dan ma jkunx il-kawża determinanti tal-kolliżjoni, huwa m'għandux jinstab responsabbili lanqas fi grad ta' kontributorjetà purché li *speed* tiegħu ma jkunx dak li jista' jissejjaħ "sfrenat". (**S. Mizzi *vs*. J. Grech** 23.03.72 u **A. Bartolo *vs.* K. Micallef** 16.2.73).
>
> Fil-każ in eżami l-konvenut ħalla *brakemarks* ta' 30 metru *plus* ħabat mal-ħajt imbagħad maż-żiemel u għollieh...... Iżda l-Qorti hi tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dana l-każ, u minħabba l-fatturi ambjentali, l-i*speed* li kien għaddej bih tar-Renault ma kienx prudenti u kien hemm *self inflicted incapacity* li wasslet biex is-sewqan tiegħu kkontribwixxa u aggrava l-inċident.
>
> "*Speed* jista jkun eċċessiv anke jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari iżda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument." App. Krim. **Pul. *vs.* R. Bugeja** 30.6.1962.....

[25] Q.A., 25.09.2006.

> Hu kellu jsuq b'mod li jista jwaqqaf il-karozza tempestivament. Il-*brakemarks* li ħalliet ir-Renault, id-daqqa mal-bankina u fuq iż-żiemel kollha jindikaw li hu ma kienx qed isuq bi *speed* prudenti f'dawk iċ-ċirkostanzi u minħabba f'hekk ma setax jirreaġixxi tempestivament meta sab l-ostakolu quddiemu. Din is-*self inflicted incapacity* aggravat l-inċident.
>
> Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li tar-Renault ikkontribwixxa għall-inċident iżda t-tort prinċipali ma kienx tiegħu iżda tal-Lada li kien il *causa causans* tal-inċident. Tar-Renault għandu jeħel kwart mit-tort billi jaħti inqas minn tal-Lada."

Illi fil-każ odjern jirriżulta li fil-liwja, tenut kont tal-i*speed* li kienet għaddejja bih il-konvenuta fit-triq imxarrba bix-xita jew bin-nida, l-inċident kien wieħed inevitabbli. Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Anna Stanley *vs.* Alan Zahra**[26] kien intqal:

> "Ġie kostantement ritenut illi waqt li l-veloċità eċċessiva għal dik regolamentari, jekk tirriżulta ppruvata, tesponi lid-driver sija jekk dan ikun *main road user* u sija jekk ma jkunx, għal proċeduri kriminali kontra tiegħu għall-vjolazzjoni ta' regolamenti tas-sewqan appositi, tali veloċità eċċessiva fiha nfisha ma tistax titqies *a priori* bħala fattur determinanti għar-responsabbilità għall-inċident jew kontributorju għalih. Irid jiġi stabbilit sodisfaċentement illi l-veloċità eċċessiva kienet element determinanti li pprovoka l-inċident u li tista' titqies bħala l-kawża prossima tal-akkadut".[27]

*A contario senso* fil-każ in deżamina abbażi tal-indizji li jirriżultaw mill-provi, il-Qorti tinsab konvinta li l-kawża prossima tal-akkadut kienet waħda u ċjoè l-mod inkonsult kif l-konvenuta daret fil-liwja fejn seħħ l-inċident. Mid-dinamika tal-inċident, mill-mod kif spiċċaw il-vetturi wara l-inċident, jirriżulta

---

[26] P.A., 23.03.1993 (Kollez. Vol. LXXVII.iii.93).

[27] Ara wkoll is-sentenzi fl-ismijiet **Mehmet Kasap *vs.* Edgar Ellul**, P.A., 30.10.1993, **Pierre Vella *vs.* John Schembri**, P.A., 02.10.2002 u **Dottor Remigio Zammit Pace *noe et vs.* Carmen Grima,** Q.A., (Sede Inferjuri), 16.05.1997 (Kollez. Vol. LXXXI.ii.1037).

li mhuwiex verosimili li mart l-attur kienet qed issuq fin-nofs tat-triq u anki jekk *dato non concesso* l-ebda waħda mis-sewwieqa ma kienet eżatt fil-karreġġjata tagħha, li kieku l-konvenuta ma kinitx qiegħda ssuq il-vettura tagħha b'veloċità eċċessiva, kien ikun aktar faċli għaż-żewġ sewwieqa li jikkoreġġu l-pożizzjoni tagħhom qabel ma jaslu viċin ta' xulxin. Xi ħaġa li ma setgħetx isir f'dan il-każ għax Lilian Muscat sabet element imprevist li ma setgħetx tiskapulah, filwaqt li l-konvenuta ħolqot fuqha nnifisha *self inflicted incapacity* bl-i*speed* eċċessiv tagħha.

Għaldaqstant tqis illi l-konvenuta kienet unikament responsabbilità għall-inċident mertu ta' din il-kawża. Ġialadarba l-konvenuta ddikjarat fil-mori li mhijiex qiegħda tikkontesta il-*quantum* tad-danni sofferti mill-atturi b'konsegwenza tal-ħabta, din il-Qorti finalment sejra tikkundanna lill-konvenuta biex tħallas d-danni u l-ispejjeż kollha pretiżi mill-atturi.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta, tilqa' l-ewwel talba tal-atturi u tiddikjara lill-konvenuta Sharon Gatt unikament responsabbli għall-inċident fuq deskritt u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess inċident ġarrbu l-atturi;**

**2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi fis-somma komplessiva ta' erbatax-il elf, mija sebgħa u tletin Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€14,137.46), inkwantu għal erbatax-il elf u tnax-il Euro, sitta u erbgħin ċenteżmu (€14,012.46) lis-soċjetà attriċi Elmo Insurance Limited u inkwantu għal mija ħamsa u għoxrin Euro (€125) lill-attur Mark Muscat;**

**3. Tikkundanna għalhekk lill-konvenuta Sharon Gatt tħallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' erbatax-il elf, mija sebgħa u tletin Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€14,137.46), inkwantu għal erbatax-il elf u tnax-il Euro, sitta u erbgħin ċenteżmu (€14,012.46) lis-soċjetà attriċi Elmo Insurance Limited u inkwantu għal mija ħamsa u għoxrin Euro (€125) lill-attur Mark Muscat.**

**Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali, debitament notifikata lill-konvenuta fis-27 ta' Settembru, 2014 u dawk tal-ittra uffiċjali preżentata kontestwalment mar-Rikors Maħluf għan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenuta skont il-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u bl-imgħax legali mis-27 ta' Settembru, 2014 sal-ħlas effettiv kontra l-konvenuta Sharon Gatt.**

Moqrija.